# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza ta' l-4 ta' Gunju 2024**

**Talba nru. 344/2018**

**SAINT JAMES (CAPUA) HOSPITAL LTD.**
**(C-14713)**

*VERSUS*

**RAY GEORGE NEAVES**
U B'DIGRIET TAT-12 TA' DICEMBRU 2018 L-ATTI GEW TRASFUZI U LEGITTIMIZZATI F'ISEM
**PAMELA MARION NEAVES**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba pprezentat fis-26 ta' Lulju 2018 is-socjeta attrici talbet lill-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elfejn mitejn tmienja u tletin Ewro u sitta u tletin centezmu (EUr 2,238.36) rapprezentanti bilanc tal-prezz ta' servizzi medici u servizzi ohra konnessi u ancillari moghtija lill-konvenut, liema somma hija dovuta minnu skond invoice datata 17 ta' Lulju 2017. Bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Ra illi l-konvenuta minkejja illi debitament notifikata ma kienetx ressqet risposta fit-terminu moghti mil-ligi u a bazi tal-verbal datat 12 ta' Dicembru 2018, dan it-Tribunal diversament presedut kien iddikjara l-kontumacja tal-konvenuta.

Ra l-verbal tal-25 ta' Marzu 2019 fejn gie maqbul illi l-konvenuta tithalla tipprezenta risposta.

Ra r-risposta tal-konvenuta pprezentata fil-11 t'April 2019, fejn gie eccepit illi t-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni biex jiddeciedi din il-materja, illi l-kunsens ta' George Neaves kien vizzjat stante illi bl-agir frawdolenti tas-socjeta attrici, l-konvenut ma inghatax l-ghazla li jmur fi sptar iehor.

Ra d-digriet moghti fit-2 ta' Lulju 2019 fejn it-Tribunal cahad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u ordna l-prosegwiment ta' din il-kawza.

Sema x-xhieda.

Ra d-dokumentazzjoni ipprezentata.

Sema s-sottomissjonijiet tad-difensuri.

Ra l-atti processwali.

Ra li din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

<u>Provi.</u>

Illi qabel dan it-Tribunal jaghmel il-kunsiderazzjonijiet tieghu, ikun utli li ssir sintezi tal-provi migjuba quddiem l-istess Tribunal.

Fis-seduta tal-15 t'Ottubru 2019 xehed Albert Micallef, rapprezentant tas-socjeta attrici, illi qal li l-konvenut sejjah ghal tabib mil-lukanda fejn kien alloggat, u li t-tabib Dr. Kevin Navarro Gera irrefera lill-konvenut fi sptar ghal aktar kura. Il-konvenut kien taht il-kura ta' Dr. Bernard Coleiro.

Ix-xhud ighid illi l-konvenut ghamel sitt ijiem fl-isptar St. James, mid-9 ta' Lulju 2017 sal-15 ta' Lulju 2017. Il-kont ta' dawn il-jiem ammonta ghal Eur 5238.36 li minnom il-konvenut hallas Eur 3000.00. (Fol.65). Dan il-hlas sar permezz ta' depozitu ta' Eur 1000 ma' l-admission u wara li ghaddew jumejn thallsu Eur 2000. Ghaldaqstant ix-xhud ighid illi ghad baqa bilanc ta' Eur 2238.36.

Is-Sur Micallef ighid illi l-insurance tal-konvenut qatt ma tat garanzija ta' pagament, minkejja illi l-konvenut kien indika li kien se jkun kopert bl-assikurazzjoni. Fil-fatt, jinghad mix-xhud a fol.67, illi s-sur Neaves kien iffirma disclaimer *"fejn qed jassumi responsabbilta li jekk kemm-il darba l-insurance ma thallasx in part or in full hu jkun responsabbli ghal pagament ta' l-isptar*."

Ix-xhud ighid illi huwa jaf li l-mara tas-Sur Neaves marret taghmel *claim* ma' l-assikurazzjoni u dawn kienu kitbu lis-socjeta attrici fejn infurmawom illi kienu qarrqu bil-klijent ghaliex s-sur Neaves ma kienx jaf li gie riferut fi sptar privat.

Matul il-kontro ezami, s-sur Micallef ighid illi minkejja illi fil-kont hemm imnizzel disgha konsultazzjonijiet medici f'gurnata wahda li jammontaw ghal Eur 935.00, dawn ma jkunux saru f'gurnata wahda izda meta jinghalaq l-ahhar konsulta, s-socjeta attrici tigbor il-kontijiet kollha u tipprezentahom f'kont wiehed. Mistoqsi mit-Tribunal, ix-xhud ighid illi l-pazjent, is-Sur Neaves, kien f'sensih matul il-kura.

Ir-rapprezentant tas-socjeta attrici ipprezenta kopja tal-file mediku tal-konvenut. Minn dawn id-dokumenti jirrizulta li l-konvenut kien ga gie ammess Mater Dei ftit jiem qabel u wara li gie rilaxxat rega ddahhal St. James Capua. Wara huwa gie trasferit mill-isptar tas-socjeta attrici ghal Mater Dei fuq talba tal-konvenut stess. Jirrizulta wkoll illi l-konvenut kien akkumpanjat mill-mara tieghu. (Fol.89)

Fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2020 xehed Dr. Bernard Coleiro, physician li spjega l-kura li inghata George Reaves. Ix-xhud ighid illi meta kien informa lis-sur Reaves illi kellu jqatta iktar jiem l-isptar, dan kien accetta izda ftit wara *"inqalghet problema tal-cover. . ."* (Fol.101) It-tabib ikompli jghid illi, *"Li dehret li l-insurance ma kienetx ser tikkaverjah allura ghidtlu mela fil-kaz hemm ic-cans li nittrasferjawk ghal state hospital, ghax ma hassejtx li kien tajjeb biex nibghatu d-dar."*

Is-sur Micallef in kontro ezami spjega l-process ta' kif il-pazjent jiffirma ghal admission u l-processi ta' min ikollu assikurazzjoni li tkoprih u dawk li ma jkollomx u li allura jkollom ihallsu elf Ewro depozitu. Ix-xhud ikompli jghid,

"*Ahna min-naha taghna bhala sptar nista nikkonferma jiena li hemm xi numru ta' insurances illi nafu li dawn jaghtu l-problemi, u meta jigi klijent u jipprezenta din l-insurance nghidulu jiddispjacina ahna naccettaw biss hlas direttament minghand il-pazjent ghaliex m'ghandniex relazzjoni ma' dik l-insurance*."

Ikompli jghid a fol.114, illi, "*F'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-pazjent ghandu jmur fi sptar pubbliku. Tant li ghal dik ir-raguni l-pazjent gie in buona fede illi ghandu insurance u pprezentaha*."

A fol.115 ix-xhud ighid illi "*dejjem kellna problema maghhom*", b'referenza ghall-assikurazzjoni tal-pazjent. Mistoqsi x tip ta' problem kien ikollom, huwa wiegeb illi "*jitolbu hafna dokumenti sahansitra anke wara li l-pazjent ikun hareg mill-isptar u per konsegwenza allura mbaghad tkun iktar difficli ghalina biex nitolbu l-hlas minghand il-pazjent*."

Rigward l-ispejjez ta' l-isptar, ix-xhud ighid illi hemm dawk li huma prezzijiet fissi bhal kamra, izda imbaghad hemm prezzijiet ohra li ma jkunux precizi. Huwa x-xoghol tal-liaison officer li jikkomunika dwar l-ispejjez li jkunu ser jintefqu u f xi drabi meta l-pazjent ikun ser idum l-isptar, sahansitra tohrog invoice preliminari.

Ix-xhud kompla jghid illi l-konvenut kien jaf illi l-kont tela f'dak l-ammont u kien ghalhekk li ddecieda li ma jridx ihallas iktar u mar Mater Dei. Illi a Fol.120, ix-xhud ighid illi hemm notament fil-file fejn il-konsulent stess kien ta l-parir sabiex il-pazjent qua konvenut jibqa rikoverat fl-isptar St. James . Ix-xhud jinsisti illi l-licenzjament tal-pazjent tigi deciza biss mill-konsulent u mhux mill-isptar.

Fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2021, xehed in kontro-ezami l-konsulent Dr. Bernard Coleiro li qal illi meta l-pazjent jidhol fis-sala, dan jaqa taht ir-responsabbilta tieghu. Ix-xhud rega spjega fid-dettal il-kura li kellu bzonn il-konvenut. Jghid ukoll meta mistoqsi x'jaghmel meta jkollu talba biex pazjent jigi trasferit jew licenzjat, "*No ma ghandix ghalfejn inhares lejn notes. Jekk pazjent jitlobni biex jigi transferred jiena nacetta x-xewqa tal-pazjent*."(Fol.132).

Fl-udjenza tas-16 ta' Frar 2022, xehed it-tabib Neveille Azzopardi illi pprezenta l-Case Summary tal-konvenut meta dan kien rikoverat Mater Dei. Minn dawn id-dokumenti huwa kkonfermat illi l-konvenut kien ddahhal l-isptar Mater Dei fl-1 ta' Lulju 2017 u rilaxxat fl-4 ta' Lulju 2017. Fil-15 ta' Lulju 2017, il-konvenut kien gie trasferit minn St. James Capua ghal Mater Dei. Minn dan id-dokument gie stabbilit ukoll (Fol. 140) illi l-konvenut kien gie rilaxxat minn Mater Dei fl-24 ta' Lulju 2017 b'rakkomandazzjoni li jara tabib malli jasal lura f'pajjizu. Ix-xhud spjega l-kundizzjoni li dahal fiha l-konvenut u l-kura illi inghatatlu f' Mater Dei. Mistoqsi jekk il-pazjent kienx si stat konxju tul il-konvalexxenza tieghu f'Mater Dei, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv.

Permezz ta' affidavit xehed Jonathan Hugh Philips, bil-lingwa Ingliza, li jokkupa l-kariga ta' Head of Audit tal-kumpannija assikuratrici Travel Insurance Facilities Plc. Ix-xhud ighid illi l-konvenut kien xtara polza ta' assikurazzjoni li jisimha "Explorer brand". (Fol.162).Ix-xhud ikompli jghid hekk, "*. . . . of particular relevance to the claims being brought by Saint James is the fact that none of the policies provide insurance cover for medical fees, unless they are incurred as a genuine*

*emergency*." Ikompli jghid illi l-polza hija cara illi, "*the policies only provide cover for treatment provided in public hospitals where these are adequate*." Illi x-xhud jikkonferma illi tali polza ma kienetx tkopri l-ispejjez li saru fl-isptar Saint James.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni moghtija mill-konvenuti u cioe illi dan it-Tribubal m'ghandux gurisdizzjoni biex jiddeciedi din il-materja, dan l-istess Tribunal, diversament presedut, kien ta sentenza preliminari nhar it-2 ta' Lulju 2019, fejn ghar-ragunijiet hemm espressi u spjegati, din l-eccezzjoni kienet giet michuda u ordna l-prosegwiment ta' din il-kawza. Ghaldaqstant, din l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata permezz ta' din id-decizjoni.

Illi huwa stat ta' fatt mhux kontestat, illi l-konvenut Ray Goerge Neaves, illi illum jinsab nieqes, kien gie rikoverat u ittrattat medikament mill-isptar Saint James. Sahansitra parti mill-ispejjez li saru f'dan l-isptar thallsu wkoll izda baqa bilanc ta' elfejn mitejn tmienja u tletin Ewro u sitta u tletin centezmu (Eur 2,238.36). Il-konvenuti jargumentaw illi dan il-bilanc m'ghandux jithallas ghaliex: - il-kunsens kien vizzjat, il-konvenut ma kienx infurmat li l-isptar kien privat u li l-assikurazzjoni ma kienetx tkoprih u minhabba agir frawdolenti tas-socjeta attrici li ma tatx ghazla lill-konvenut imur fi sptar pubbliku. Minbarra dan, il-konvenuti jghidu wkoll illi l-ammont mitlub huwa esagerat u abbuziv.

Illi dan it-Tribunal ser jikkunsidra l-ewwel jekk il-konvenut meta dahal fl-isptar tas-socjeta attrici giex imqarraq b'xi mod, tant illi ma kienx jaf illi qieghed rikoverat fi sptar privat.

Illi l-evidenza prodotta quddiem dan it-Tribunal turi illi l-konvenut kien gie rikoverat f'Mater Dei, gie rilaxxat u ftit jiem wara meta talab l-ghajnuna tat-tabib fejn kien qed jallogga, intbaghat fl-isptar privat St.James. Mad-dhul tieghu, il-konvenut intalab ihallas depozitu ta' elf Ewro (Eur 1000) u ghaldaqstant, jekk mhux il-konvenut inniffsu minhabba l-istat tas-sahha tieghu, min hallas id-depizitu u cioe il-konvenuta kienet konxja illi dan kien sptar privat. Illi kif spjega fix-xhieda tieghu Albert Micallef, Pamela Neaves kienet sahansitra marret bil-polza ta' l-assikurazzjoni sabiex tiftah il-claim. Dawn ic-cirkostanzi juru bic-car illi l-konvenuti kienu jafu li qeghdin fi sptar privat. Setghu facilment jindunaw illi ftit jiem qabel meta kienu fi sptar pubbliku, ma gewx imgeghla ihallsu depoziti jew addirittura flejjes akbar wara jumejn.

Illi minkejja illi l-konvenuti jghidu illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat, tul il-proceduri, ma ngabet l-ebda prova sabiex titfa dawl kif u b'liema agir da parti tas-socjeta attrici wassal sabiex il-kunsens ikun vizzjat. Ma hemm l-ebda dubju illi l-konvenut gie rikoverat f'sitwazzjoni xejn felici u jekk forsi taht paniku jew agitazzjoni, fil-gurnata sussegwenti zgur illi l-konvenuti indunaw li qeghdin go sptar privat u li jridu jhallsu ghas-servizzi moghtija. Kif jispjega r-rapprezentant tas-socjeta attrici, il-konvenuti setghu saqsew u kienu jigu riferuti mal-liason officer.

Illi wara jumejn, il-konvenuti regghu hallasu l-ammont ta' elfejn Ewro (Eur 2000) u kien f'dan il-punt fejn il-konvenuti daru fuq l-assikurazzjoni taghhom. Din ta' l-ahhar indirizzat lis-socjeta attrici fejn infurmatha illi kienet qarrqet bil-pazjent ghaliex l-assikurazzjoni ma kienetx tkopri sptarijiet privati. Dan it-Tribunal jemmen illi s-socjeta attrici, li toffri servizzi ta' sptar, m'ghandha l-ebda obbligu li taccerta ruhha li l-pazjent ikun jaf li qieghed fi sptar privat. Id-dmir primarju tas-

socjeta attrici huwa li kull min jidhol fl-isptar, volonta tieghu jew ghax riferut minn tabib tal-fiducja tieghu, jinghata l-aqwa servizz biex jigi kkurat.

Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma wkoll, illi meta persuna tixtri polza ta' assikurazzjoni, r-responsabilta ta' xi tkopri tali polza taqa fuq l-assikurat. Kien jispetta lill-konvenuti illi meta t-tabib irriferihom ghall-isptar, li jigbdu l-attenzjoni illi jridu jmorru fi sptar pubbliku. F'dan is-sens, il-konvenuti zgur ma jistghux jargumentaw illi ma kienux jafu bl-isptar pubbliku stante illi ftit jiem qabel l-istess konvenut kien rikoverat f'Mater Dei.

Illi ghaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-eccezzjoni illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat mhux ippruvata u ma tistax tintlaqa bhala eccezzjoni.

Illi l-konvenuti jargumentaw illi ma kienux infurmati li l-isptar tas-socjeta attrici kien privat. L-istess argumenti relevanti ghall-ewwel eccezzjoni, jghoddu ghat-tieni eccezzjoni u cioe, illi x-xhieda prodotta turi pjuttost il-kuntrarju. Il-konvenuti kienu ghadom kemm gew rilaxxati minn sptar pubbliku ftit jiem qabel. Ghaldaqstant, meta il-konvenuti gew mitluba jhallsu Eur 1000 appena dahlu fl-isptar, din kienet turija cara illi dan kien sptar privat. Minbarra hekk, il-konvenuti dejjem setghu saqsew sabiex jigu infurmati u ma setghux jistennew illi tkun is-socjeta attrici li tispjega illi huma kienu joperaw privatament. Il-konvenut sahansitra iffirma, minghajr hadd ma geghlu sabiex jaghmel tajjeb ghal kwalunkwe hlasijiet illi ma jkunux koperti mill-assikurazzjoni. Interessanti l-fatt illi, t-tobba kemm fir-rapporti taghhom kif ukoll fix-xhieda, dejjem ikkonfermaw illi l-konvenut kien f'sensih. Sahansitra t-tabib Bernard Coleiro dahal fid-dettal biex jispjega dan il-punt mediku. Il-konvenut kien ukoll akkumpanjat mill-konvenuta u cioe l-mara tieghu li kellha l-fakulta illi tikkonferma kull mistoqsija li kellha.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma, kif intqal mill-abbli difensur tas-socjeta attrici, illi wara li l-konvenuti raw il-kont tiela flimkien mal-fatt illi l-assikurazzjoni ma kienet ser tkopri xejn minn dawn il-kontijiet, huma urew ix-xewqa li jigu trasferiti fi sptar pubbliku – kif fil-fatt sehh b'mod immedjat. Izda l-konvenuti qed jippretendu illi l-kontijiet pendenti li hallew warajom ghas-servizz moghti ma jithallsux.

Illi l-konvenuti, setghu kienu mahsuda mill-ammonti mitluba, izda dan ikopri mhux biss il-kura li kellhu bzonn il-konvenut mad-dhul tieghu fl-isptar izda anke kura ghall-kumplikazzjonijiet li inqalghu matul il-kura fejn kellu jigi involut konsulent iehor u cioe Dr. German.

Illi l-konvenut jargumenta illi huwa qatt ma gie infurmat bil-prezzijiet tal-kamra, tal-konsultazzjonijiet jew tat-testijiet u li ma kien hemm xejn bil-kitba li juri b'mod car dawn l-ammonti. Anke jekk wiehed jittendi jaqbel ma' dan l-argument, it-Tribunal jemmen li wara l-hlas ta' Eur 1000 li sar, kien jispetta lill-konvenut isaqsi fejn setghet twassal f'termini finanzjarji, l-kura li kellu bzonn il-konvenut. Kieku sar dan, il-konvenut kien ikun fi stat illi jiehu d-decizjoni qabel u mhux wara sebat ijiem jiehu l-kura. Maghdud ma' dan, wiehed irid izid, illi l-kumplikazzjonijiet medici li nqalghu komplew tellghu l-ammont, imma dan kollu sar sabiex tinghata l-kura medika mehtiega.

Dan it-Tribunal qies ix-xhieda dettaljata tal-konsulent Bernard Coleiro. Meta dan ix-xhud kien mistoqsi dwar x passi jiehu meta pazjent jitolbu li jigi trasferit fi sptar pubbliku, huwa wiegeb mill-ewwel, minghajr ma irrefera lejn in-noti, li huwa dejjem jimxi max-xewqa tal-pazjent. Fil-fatt dan gara, u malli l-konvenut talab li jigi trasferit ghal sptar pubbliku, ittiehdu l-passi necessarji ghal dan it-trasferiment.

Il-konvenut iressaq l-argument illi l-fatt illi kien fi sptar privat u kien qed jinghata l-kura minghajr hadd ma tah indikazzjoni ta' kemm se jkollu jhallas twassal ghal abbuz. It-Tribunal ma jaqbel xejn ma' dan l-argument. Illi kieku hemm xi prova li turi illi l-konvenut kien kostrett u minghajr ghazla li jattendi f'dan l-isptat privat, it-Tribunal kien jifhem dan ir-ragunament. Izda f'dan il-kaz, il-konvenut kien jaf li kien ser ikollu jhallas ghat-trattament. Ma jistax wiehed jilmenta dwar il-prezzijiet, wara li jkun inghata l-ahjar kura possibli (ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-kura moghtija) u jiddeciedi li ma jhallasx il-bilanc ghaliex jikkunsidrahom gholjin u esagerati.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, is-socjeta attrici irnexxielha tipprova illi hija timmerita l-hlas ghal bilanc ghal servizz ta' kura medika li nghatat lill-konvenut. Il-provi li tressqu quddiem dan it-Tribunal ma jhallux dubju li l-konvenut inghata servizz ta' kura u li kellu jhallas ghalihom. L-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenut mhux talli ma kienux konvincenti izda lanaqas ippruvati u dan ghar-ragunijiet spjegati iktar'il fuq.

**Decide**

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' elfejn mitejn tmienja u tletin Ewro u sitta u tletin centezmu (EUr 2,238.36) bl-imghax ta' 8% li jibdew jiddekorru mis-26 ta' Lulju 2018 u jibqghu hekk ghaddejin sal-hlas effettiv. Spejjez gudizzjarji marbuta ma' dan il-kaz ghandom ikunu a karigu tal-konvenuti.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur